# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Talba Nru: 237/2021 JG**
**Numru fuq il-lista: 11**

**Maria Carmela Schembri *sive* Marika [K.I. 360071M]**

**Vs**

**Aaron Mizzi [K.I. 258982M][1]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2021[2], permezz ta' liema l-attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenut jħallas l-ammont ta' tlett elef u mitt Ewro (€3,100) rappreżentanti self mogħti lill-konvenut u mhux imħallas lura kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-imgħaxijiet;

[1] It-Tribunal jirrileva li l-Avviż huwa karenti min-numri tal-Karta tal-Idenditá tal-kontendenti. Dawn issa qegħdin jiġu miżjuda u ttieħdu mill-iskrittura ta' self eżebit, sabiex ma jkunx hemm tfixkil f'xi eventwali eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni. Dak tal-attriċi ġie wkoll ikkonfermat minnha stess waqt ix-xhieda tagħha (*vide* fol 19 tal-proċess).
[2] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokument anness ma l-Avviż[3];

Ra li l-konvenut, għalkemm debitament notifikat[4] naqas milli jippreżenta risposta formali u li jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri u b'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja[5];

Ra l-kapitolu[6] ppreżentat fil-konfront tal-konvenut, liema kapitolu, fid-dawl tan-nuqqas ta' dehra tal-konvenut ġie dikjarat bħala mistħoqq[7];

Sema' x-xhieda tal-attriċi[8];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi mill-*iter* proċesswali hawn fuq magħmul jemerġi ċar li l-konvenut f'dawn il-proċeduri kien totalment karenti, naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk kien kontumaċi. Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[9].

---

[3] Dan jinsab a fol 2 u 3 tal-proċess.
[4] *Vide* timbru *a tergo* ta' fol 8 tal-proċess.
[5] Dan ġie hekk dikjarat fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2021.
[6] A fol 11 tal-proċess.
[7] Dan seħħ fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022.
[8] Magħmula fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2022.
[9] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia,** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Wieħed huwa wkoll mistieden r-rakkolta ġurisprudenzjali (u dak hemm deċiż) magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Sharon Briffa et**, (Tlb Nru: 86/2020 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) nhar is-27 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

Illi peró, apparti minn hekk, kif ukoll hawn fuq indikat, ġie preżentat kapitolu fil-konfront tal-istess konvenut, u stante nuqqas tal-konvenut li jidher sabiex twieġeb, l-istess kapitolu ġie mistqarr bħala mistħoqq. B'hekk t-Tribunal għandu wkoll prova pożittiva kontra l-istess konvenut[10].

Illi madanakollu, it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti, għaliex wara kollox, it-Tribunal huwa obbligat li janalizza din l-ammissjoni flimkien ma' kull prova oħra[11].

---

[10] Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia miżżewġin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 in tema ngħad li: *"Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

[11] Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process".* Utli wkoll issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Leonard Incorvaja vs Manuel Camilleri et,** (App Nru: 370/02) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-4 ta' Ġunju 2018 fejn propju aggravju dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma kinitx qieset il-fatt tal-kapitolu bħala determinati ġie miċħud wara li sar dan ir-raġunament: *"Għalkemm huwa veru li l-kapitolu għandu jitqies bħala konfessjoni meta s-subent ma jkunx deher il-qorti sabiex iwieġeb u ma jkunx iġġustifika n-nuqqas, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-qorti għandha toqgħod dejjem fuq il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni għandha tiġi eżaminata flimkien mal-provi l-oħra tal-kawża, b'mod illi jekk il-kapitolu ma jkunux konfaċenti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-ġudikant jidhirlu li għandu jagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, l-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni iċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra. Fis-sentenza Fenici Insurance Agency Limited nomine vs Paul Stoner et tat-22 ta' Novembru 2002, din il-qorti qalet: "Il-Qorti tagħmel din l-aħħar osservazzjoni fir-rigward. Ma jfissirx illi l-fatt biss li subent ikun naqas bla ġustifikazzjoni li jidher biex jirrispondi għall-kapitolu magħmul kontra tiegħu kellu neċessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attriċi. Dan għaliex skont il-liġi 'l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt...." (Art.*

Illi mill-eżami tax-xhieda prodotta u tad-dokumenti kollha eżebiti jirriżulta ċar li t-talba attriċi għandha tintlaqa' fit-totalitá tagħha. L-iskrittura mertu ta' dawn il-proċeduri hija ċara[12] u tikkostitwixxi liġi bejn il-kontendenti[13]. Huwa ċar mix-xhieda tal-attriċi li l-konvenut naqas milli jwettaq il-pagamenti dovuti hekk kif ikkuntrattat. Ukoll, it-Tribunal ma ngħatalu xejn sabiex jiddubita lill-attriċi[14] dwar il-mitt Ewro mislufa sussegwenti għall-ftehim.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-attriċi u jikkundanna l-konvenut iħallas l-ammont ta' tlett elef u mitt Ewro

---

*694(2)). Aktar rilevanti hu s-subinċiż (3) ta' dan l-artikolu li jiddisponi illi f'kull każ tkun magħduda bħala li tagħmel prova dik il-parti biss tal-ammissjoni li l-Qorti jidhrilha li tistħoqq li tkun emmnuta".* Per kompletezza akkademika, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Grezzju Abela,** (App Inf Nru: 188/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Frar 2022.

[12] Artikolu 1002 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[13] Dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għar-regola li temerġi mill-artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan irid jinqara mbagħad fid-dawl ta' dak li jrid l-artikolu 993 tal-istess Kapitolu. In vena ġurisprudenzjali mbagħad, dan it-Tribunal jissenjala dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Grace Spiteri *et* vs Carmel *sive* Lino Camilleri *et*,** (Ċit Nru: 3535/96) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata) nhar it-30 ta' Mejju 2002 u, sa fejn hekk applikabbli, dak li intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Salt Real Estate Ltd vs Edward Anthony Ellul Sullivan *pro et noe*,** (App Ċiv Nru: 148/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-8 ta' Jannar 2010.

[14] Dwar komportament ta' xhud, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda".* Dwar dan, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited vs Paul Borg,** (App Ċiv Nru: 1284/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2015.

(€3,100) bl-imgħax legali mill-1 ta' Settembru 2020[15] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[15] Data msemmija fl-iskrittura, hekk kif miftiehem.